Il-Patrijiet Frangiskani f'Malta

MINN MONS. PROF. A. BONNICI

"Repetita iuvant", igħid qawl Latin: li ttenni ħwejjeġ li ġa għidt huwa ta' ġid. uħud ma jaħsbuhiex hekk għax jiddejqu jisimgħu dak li ġa jafu. Imma oħrajn jieħdu gost jerġgħu jisimgħu ħaġa li ġa semgħu fuqha, speċjalment jekk ikunu bħali minn dawk li jinsew. Kultant pereżempju ninsa dak li nkun ktibtilkom fuqu. U hekk ġrali din id-darba. Imħeġġeġ mis-sollennita' li biha l-Patrijiet Frangisani ta' Malta qegħdin jiċċelebraw is-750 sena mill-mewt tal-Missier tagħhom San Frangisk d'Assisi, u bħala Terzjarju Frangiskan bdejt nikteb u ktibt dan l-artiklu. Wara sibt li sitt snin snin ilu ktibt artiklu fuq San Frangisk u l Frangiskani; izda sibt ukoll li f'dan l-artiklu hemm ħwejjeġ ġodda u għalhekk iddeċidejt li nippubblikah.

L-ORDNIJIET MENDIKANTI

Fis-seklu tlettax nibtu dawk li ssejħu Ordnijiet Mendikanti, għax kienu jiksbu l-għajxien tagħhom bit-talb minn dar għall-oħra. Illum, dawn l-Ordnijiet Reliġjuzi ma baqgħux aktar jiġbru dar, dar, izda jiksbu l-għajxien tagħhom bis-saħħa ta' ħidmiet f'parroċċi, skejjel, sptarijiet ecc.

Fost dawn l-Ordnijiet il-kbar hemm dak tad-Dumnikani, tal-Frangiskani, tal Agostinjani u tal-Karmelitani.

L-ewwel fost dawn l-erba' Ordnijiet li twaqqaf f'Malta, zgur qabel is-sena 1370, dak tal-Frangiskani Konventwali, li fetħu kunvent u knisja fir-Rabat ta' l-Imdina, ħdejn li Sptar qadim ta' Santu Spirtu.

Fl-1492 fetħet il fergħa l-oħra tal-Frangiskani magħrufin bi Frati jew Patrijiet Minuri. Il fundatur tagħhim hawnhekk kien il-Malti Gakbu Hakim imlaqqam 'Malf', li kien igħix f'Messina. Dan ħalla 800 onċa lil-qaribu Fra Marjanu Hakim biex jibni kunvent li kellu jiġi ddedikat lil S. Marija ta' Gesu' tal Osservanza.

It-tielet fergħa tal-Ordni Frangiskan, dik tal-Kabuċċini, fetħet l-ewwel kunvent u knisja fiz-zona "Ta Boqqara" fil-Furjana fis-sena 1588. L-Isqof Baldassare Cagliares għin ħafna għall-bini u żamm appartament għalih fil-kunvent.

SIMPATIJA U GHAJNUNA

Dawn l-Ordnijiet irnexxielhom, bil-ħidma u l ħ..v-wa tagħhom, jiksbu s-simpatija u l-għajnuna sew tal-poplu, kif ukoll ta' nies influwenti.

Il-Konventwali fil-bidu tagħhom sabu l-għajnuna tal fidili.

B'dana kollu, fil-bidu tas-seklu sittax, huma kienu ftit magħkusin u bid-dħul tagħhom ma setgħux iżommu aktar minn zewġ patrijiet. Iżda nies ġenerużi fosthom Giovanni de Nava, il Kastellan ta' Sant' Anġlu, għenuhom u ħadu r-ruħ. Il-Kastellan jinsab midfun fil-knisja tagħhom fir-Rabat. Fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax, bil-ġenerożita' tan-nies, il-kunvent reġa' nbena mill-ġdid.

Fl-1500, il-Frangiskani Konventwali fetħu l-kunvent f'Għawdex bħala ospizju għall-patrijiet xjuħ jew morda. Fl-1598 fetħu l-kunvent tagħhom tal-Belt Valletta u knisja "żgħira u eleganti", il maż-żmien bdiet taqa' u fl-1681 giet mibnija mill-ġdid u mkabbra bil-ġenerozita' tal-Grammastru Gregorio Carafa.

Il-Minuri sabu għajnuna fir-Re Ferdinandu V ta' Aragona u Sqallija, li fl-1507 iddekreta li kull sena is-Segrezija ta' Malta kellha tagħtihom zewġ ballal drapp għat-tonok. Għal min ma jafx is-Segrezija kienet l-uffiċċju li jiġbor it-taxxi dovuti lis-Sultan.

Il-Grammastri Filippu de Villiers u Klawdju de la Sengle inġibdu tant ma dawk il-Patrijiet li xtaqu jindifnu fil-knisja tagħhom tar-Rabat. Fl-1533. id-Duka ta' Monteleone, Vicere' ta' Sqallija, tahom il-privileġġ li jieħdu mill-imħazen tad-Dwana ċerta kwantita' ta' nbid, ġobon, legumi u provizzjonijiet oħra.

Fl-1575, il-Patrijiet Minuri fetħu kunvent u knisja fil-Belt il-Gdida taħt l-isem ta' S. Marija ta' Gesu' b'appartament għall-Kummissarju tat-Terra Santa u s-segwitu tiegħu.

Il-Kapuċċini fetħu dar oħra għalihom fil-Kalkara, fid-distrett "Tal-Għasli", dak iz-zmien fil-limti tal-Birgu, fuq art mogħtija lilhom minn Guzeppi Vella. Il-bini tad-dar intemm fl-1736 u dak tal-knisja fl-1743.

Fl-istess sena 1736, l-Isqof Alpheran de Bussan ċedilhom il-knisja ta' San Giljan f'Għawdex, fejn illum hemm il-knisja tal-Madonna tal-Grazzi u nbena kunvet fuq art ħdejha mogħtija lilhom mill-Grammastru Anton Manoel de Vilhena u xi Għawdxin.

JIZDIEDU L-FRANGISKANI

Minn żmien għall-ieħor l-għadd tal-Patrijiet Frangiskani fil-Gżejjer tagħna issokta jizdied u, kif wieħed jista jaħseb, kiber ukoll l-għadd tal-kunventi u l-knejjes tagħhom u, m'għandniex xi ngħidu. il-ħidmiet tagħhom, pastorali, kulturali u soċjali.

Mas-seklu dsatax, il-Komunitajiet Frangiskani Maltin, li kienu dipendenti mill-Provinċji tagħhom fi Sqallija, bdew jiksbu, waħda wara l-oħra, l-indipendenza u d-dinjita' ta' Provinċji Maltin.

Fl-1858 l-Papa Piju IX waqqaf il-Komunita' Konventwali f'Kustodja, li fl-1905 saret Provinċja Maltija. Fl-istess sena il-Patrijiet fetħu kunvent ieħor f'San Pawl il-Baħar. Il-knisja tad-Duluri saret Parroċċa fl-1917. Fetħu wkoll kunvent f'Birkirkara fl-1944 u ieħor f'Burmarrad fl-1958, bi knisja li saret Parroċċfia tal-Qalb Immakolata ta' Marija fl-1973.

Illum l-Ordni Frangiskan Konventwali għandu 5 djar f'Malta u waħda f' Għawdex u jgħodd mal-40 patri. Mal-15 il patri ieħor jaħmu fil-Missjonijiet.

Il-Patrijiet Minuri ngħaqdu f'Kustodja fl-1838, li ġiet iddikjarata Provinċja Maltija fl-1914. Fl-1882 fetħu kunvent u knisja f'Tas-Sliema, li saret Parroċċa fl-1913. Fl-1889 fetħu kunvent fir-Rabat t'Għawdex. u fl-1947 ieħor fil-Hamrun. Fl-1965 huma bnew f'Baħar iċ-Cagħaq post li jservi bħala Dar ta' l-Irtiri, imsejħa Porzjunkula.

Il-Patrijiet Minuri jilħqu llum fuq is-sittin, mqassmin f'5 djar f'Malta u waħda f'Għawdex. Għandhom ukoll mas-26 patri jaħdmu barra minn Malta.

MONUMENT LIL SAN FRANGISK

Il Kapuċċini li bit-tliet kunventi tagħhom li semmejna kienu ġa ffurmaw Kustodja Kapuċċina, fl-1840 għaqqdu magħhom il-Prefettura Apostolka ta' Tunez u sawru b'hekk Provinċja Maltija.

Fis-seklu li qegħdin fih, il-Kapuċċini fetħu ħames djar oħra: waħda fil-Marsa fl-1912, li saret Parroċċa taħt it-titlu tas-SS. Trinita' fl-1913; oħra fix-Xemxija f'San Pawl il-Baħar, fl-1935; it-tielet fl-Imsieraħ illum magħruf bħala San Gwann, fl-1940, li saret parroċċa dedikata lill-Madonna ta' Lourdes fl-1965; ir raba' f' Raħal Gdid, fl-1953; u l-ħames fil-Marsa fl-1961, taħt il-patronċinju tal-Madonna tad-Dmugħ, li saret parroċċa fl-1967 taħt it-titlu ġdid ta' Marija Reġina.

B'kolox il-Kapuċċini għandhom 7 djar f'Malta u waħda f'Għawdex, li jgħammru fihom mad 90 patri, li barra x-xogħol pastorali jmexxu skola serafika u jieħdu ħsieb spiritwali tal-morda fi Sptarijiet tal-Gvern. Għandhom ukoll għadd kbir ta' Missjunarji.

Dawn l-Ordnijiet huma l-akbar u l-isbaħ monument li aħna l-Maltin stajna ntellgħu lil San Frangisk, il-Qaddis Serafiku, li festa liturġika tiegħu taħbat nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru.